# TALBA TAL-FIDILI

# TNEJN TAT-32 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-Mulej iwissina biex nevitaw li nfixklu jew niskandalizzaw lil min hu dgħajjef fil-fidi u lil min hu ċkejken b'kull mod, biex naħfru dejjem u bil-qalb, u biex inkattru l-fidi tagħna fil-qawwa tiegħu. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Mulej, kattar fina l-fidi.*

1. Għall-isqfijiet u l-presbiteri tal-Knisja, biex ikunu amministraturi fidili u bla ħtija tal-misteri ta' Alla favur il-poplu tiegħu, nitolbu. R/.

2. Għal dawk li jamministraw il-ġustizzja, biex jimxu b'integrità u bi ħniena lejn min jista' jikkoreġi ruħu mill-iżbalji tiegħu, nitolbu. R/.

3. Għat-tfal u teenagers, biex jingħataw formazzjoni umana li tirrispetta d-dinjità tagħhom u biex ma jiġux sfruttati għal skopijiet diżonesti, nitolbu. R/.

4. Għal min sofra abbuż fuq l-integrità tiegħu fiżika jew morali, biex isib min jgħinu jfiq mill-ferita tal-passat u jgħix ħajja mimlija ferħ u rispett għalih innifsu, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex nevitaw li nkunu ta' skandlu għall-oħrajn, u biex naħfru dejjem lil dawk li jonqsuna mingħajr ma nżommu f'qalbna għad-deni li nirċievu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Kattar fina l-fidi, Mulej, biex b'qalb ġeneruża nkunu ta' għajnuna għal dawk li jitfixklu fil-mixja spiritwali tagħhom u jkollna qalb mimlija ħniena u maħfra fuq l-eżempju tiegħek li ġejt biex iddewwi l-ġrieħi tal-umanità. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## TLIETA TAT-32 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Li taqdi lil Ġesù jfisser li ma tħarisx lejn l-interessi tiegħek, imma biss lejn it-tkabbir tas-saltna tiegħu fost il-bnedmin. B'dan il-mod tkun bniedem umli, li tagħraf taqdi d-dmir tiegħek ta' evanġelista fost ħutek. Nitolbu u ngħidu:
R/. *Agħmilna qaddejja umli, Mulej.*

1. Nissel fir-ragħajja tal-Knisja spirtu ta' qadi u umiltà fil-missjoni tagħhom biex iwasslu l-Kelma tas-salvazzjoni lill-bnedmin, nitolbu. R/.

2. Ikkonvinċi lil min jiggverna li hu għandu qabel xejn id-dmir li jkun qaddej taċ-ċittadini fl-integrità u l-onestà tiegħu, u li jevita kull korruzzjoni li tnissel prepotenza u inġustizzja fis-soċjetà, nitolbu. R/.

3. Bierek lill-anzjani tagħna, l-aktar lil dawk li huma waħedhom jew jinsabu fi djar u istituzzjonijiet għall-anzjani u ma jirċevux l-imħabba u ż-żjara ta' uliedhom, qrabathom u ħbiebhom, nitolbu. R/.

4. Agħti kuraġġ lil min qata' qalbu u intelaq, biex jifhem il-bżonn li jaqdi bil-ferħ id-dmirijiet tiegħu u hekk iħossu utli għalih innifsu u għall-oħrajn, nitolbu. R/.

5. Għallimna ngħixu bir-rażan, il-ġustizzja u l-qdusija f'dan iż-żmien ta' issa, filwaqt li nistennew bit-tama d-dehra tiegħek fil-glorja, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, fik dehret il-grazzja ta' Alla li fdietna minn din id-dinja tad-dnub biex tagħmel minna poplu safi li jiddi bl-għemejjel tajba. Agħtina li ngħixu skond din is-sejħa tagħna fi spirtu ta' qadi umli, għax quddiem il-kobor tal-ħniena tiegħek aħna qaddejja li ma niswew għal xejn, imma li terfagħna meta nagħmlu r-rieda tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ERBGĦA TAT-32 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Fi triqtu lejn Ġerusalemm, Ġesù jfejjaq għaxar irġiel mil-lebbra, u jfaħħar ir-rikonoxxenza ta' wieħed minnhom, li kien Samaritan. Nitolbu biex aħna nitgħallmu nirringrazzjaw lil Alla għad-drabi li fihom Hu jfejjaqna mill-mard spiritwali tagħna:
R/. *Għallimna nkunu rikonoxxenti lejk, Mulej.*

1. Agħti lill-ministri tal-Knisja l-grazzja li jixħtu ħarsa ta' ħniena fuq dawk li huma morda fl-ispirtu, biex ifejjquhom mil-lebbra spiritwali bil-qawwa tal-Kelma u tas-sagramenti, nitolbu. R/.

2. Dawwal lill-mexxejja tal-ġnus biex jaħdmu flimkien ħalli jinqered il-mard li hu frott tal-miżerja u tal-faqar li fihom jgħixu miljuni ta' bnedmin, nitolbu. R/.

3. Bierek il-ħidma ta' dawk li jaħdmu fil-qasam mediku, u speċjalment ta' dawk li joffru s-servizzi tagħhom b'mod volontarju favur popli li huma foqra u li għadhom vittmi ta' epidemiji u malnutrizzjoni, nitolbu. R/.

4. Agħti kuraġġ u fejqan lil dawk li huma morda bil-lebbra, jew li jsofru minn mard li hu trażmess minn imġieba sesswali mhux korretta, u agħtihom li jsibu għajnuna neċessarja għall-fejqan u għal imġieba dinjituża, nitolbu. R/.

5. Għallimna nkunu rikonoxxenti lejk għal kull darba li tfejjaqna u agħtina li nkunu ubbidjenti fil-fedeltà tagħna lejk u lejn dawk li huma leġġitimament maħtura f'awtorità, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, meta inti dehert bħala Salvatur, inti salvajtna mhux minħabba xi opri tajba li għamilna, imma biss bil-ħniena tiegħek. Agħtina li nuruk dejjem rikonoxxenza u ringrazzjament, l-aktar permezz ta' din l-Ewkaristija li qegħdin niċċelebraw. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ĦAMIS TAT-32 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Is-saltna ta' Alla tinsab fostna, jgħidilna Ġesù. Aħna msejħin biex, bix-xhieda favur l-Evanġelju nibnu s-saltna ta'Alla bi thejjija għall-miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żminijiet, u bil-perseveranza tagħna quddiem il-persekuzzjoni li jkollna nsofru. Nitolbu u ngħidu:
R/. *Tiġi saltnatek, Mulej.*

1. Biex l-insara jagħrfu jagħmlu użu tajjeb miż-żmien preżenti, fl-istennija ħerqana u mimlija fidi tal-miġja ta' Kristu, nitolbu. R/.

2. Biex fid-dinja sekolarizzata tallum li tgħix biss il-mument preżenti, ma jonqosux ilħna profetiċi li juru li l-iskop tal-umanità hu wkoll dak li jimxi lejn il-laqgħa ma' Kristu mħallef fl-aħħar taż-żminijiet, nitolbu. R/.

3. Biex ikun hemm rispett lejn il-persuna umana u jitwarrab kull xorta ta' skjavitù li għadu jixħet tant nies fil-jasar tal-ġuħ, tal-faqar tal-vjolenza, nitolbu. R/.

4. Biex titqajjem kuxjenza favur il-valuri tal-ispirtu u jitwarrab mill-ġenerazzjonijiet ġodda l-għatx għal ħajja ta' divertiment bla sens u bla futur, nitolbu. R/.

5. Biex aħna nibqgħu sħaħ fil-fidi tagħna fil-miġja ta' Kristu, u nuruha billi ma niġrux wara superstizzjonijiet u tagħlim qarrieq li jrid jaħkem il-futur u jiċħad il-providenza ta' Alla, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti staqsejt jekk intix se ssib fidi fuq l-art meta terġa' tiġi fil-glorja tiegħek. Agħtina li naħdmu għalenija biex inkabbru fina din il-fidi u li nkunu mhejjija biex nilqgħuk fid-dehra tiegħek bħala mħallef ġust, li tixxotta kull demgħa wara t-tbatija u l-perskuzzjoni. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# ĠIMGĦA TAT-32 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Is-sinjali tal-aħħar żminijiet huma evidenti għal dawk li għandhom fidi. Nitolbu biex inkunu kapaċi nagħrfu l-importanza tal-istennija tal-Mulej Ġesù, bl-attenzjoni tagħna għas-sinjali tal-miġja tiegħu bħala mħallef:
R/. *Mulej, ejja biex teħlisna.*

1. Għar-ragħajja tal-poplu nisrani, biex imexxuh lejn il-laqgħa ma' Kristu bil-qawwa tal-predikazzjoni u l-eżempju ta' ħajjithom, nitolbu. R/.

2. Għal dawk li ma jagħrfux lil Kristu veru Alla u veru bniedem, biex jaslu huma wkoll għad-dawl tal-verità u tar-rivelazzjoni sħiħa, nitolbu. R/.

3. Għal kull min jgħix daqslikieku Alla ma jeżistix f'ħajtu, biex jintebaħ bil-karattru li jgħaddi ta' din id-dinja u jagħraf il-bżonn li jħares lejn dak li ma jidhirx biex jagħti sens lil ħajtu, nitolbu. R/.

4. Għal kull min hu aljenat fil-preokkupazzjoni għall-ġid materjali, biex jikkonverti u jindem għax jum il-Mulej jieħdu għal għarrieda, nitolbu. R/.

5. Għalina li ngħixu l-Ewkaristija bħala mument tal-laqgħa tagħna ma' Kristu, biex ma nimxux wara l-antikrist, imma nistennew bil-ferħ il-miġja ta' Kristu, veru Alla u veru bniedem, fil-glorja fl-aħħar żminijiet, nitolbu. R/.

*Ċel:* Erfagħlna rasna fil-għoli, Mulej Ġesù, ħalli nemmnu li qrib hu l-jum tal-ħelsien tagħna mid-dlamijiet tad-dnub u l-mewt, u bil-qawwa ta' din l-Ewkaristija agħmilna denji li nagħrfu s-sinjali tal-miġja tiegħek fost it-taqlib tal-istorja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## SIBT TAT-32 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù jgħallimna li Alla jagħti widen għat-talba ħerqana ta' dawk li jittamaw fih. Nitolbuh jieqaf magħna biex it-talb tagħna jkun sinċier u frott tal-ubbidjenza tagħna għar-rieda tiegħu:
R/. *Agħmel ġustizzja mal-fqajrin tiegħek, Mulej.*

1. Isma' t-talba tal-Knisja tiegħek biex tħares lill-poplu tiegħek minn kull periklu u turi ġustizzja u mħabba ma' dawk li jemmnu fik, nitolbu. R/.

2. Nissel fil-popli ta' pajjiżi għonja r-rieda li jilqgħu u jagħtu kenn lill-persuni rifuġjati minn pajjiżi fejn hemm gwerer, u jgħinuhom jgħixu ħajja dinjituża, nitolbu. R/.

3. Agħti widen għall-karba tal-foqra li jsofru inġustizzji minn min jaħqarhom f'sitwazzjonijiet fejn ma hemmx rispett għad-dinjità tal-bniedem, anke f'pajjiżna, nitolbu. R/.

4. Bierek lir-romol li iddedikaw ħajjithom għall-kura tal-familja u għall-karità mal-proxxmu, u għinhom jikkonsagraw ħinhom biex jitolbu għall-ħtiġijiet tal-bnedmin, nitolbu. R/.

5. Għinna nitgħallmu l-valur tat-talb li bih inħabbtu b'insistenza fuq il-bieb tal-ħniena tiegħek, biex meta tiġi ssibna nishru bil-fidi, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, int urejtna li saħansitra mħallef ħażin jagħti widen għat-talba insistenti ta' mara armla, u li għalhekk Alla hu aktar lest li jisma' lill-magħżulin tiegħu. Ħares bi ħniena lejna li nitolbuk tismagħna, u agħtina dak li verament jaqbel mar-rieda tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

*Ċel:* Il-jum tal-Mulej hu l-mument li fih Alla għad jagħmel ħaqq mid-dinja fl-aħħar taż-żminijiet permezz ta' Kristu Ibnu, fit-tieni miġja tiegħu. Nimxu bil-ferħ lejn il-laqgħa fost it-taqlib tad-dinja u tal-istorja, għax konvinti li l-jum ta' Kristu hu jum ta' ħniena u maħfra. Nitolbu flimkien:
R/. *Eħlisna f'jum il-miġja tiegħek, Mulej.*

1. Agħti ħarsa profetika lir-ragħajja tal-Knisja, biex jagħrfu juruna t-tifsira tas-sinjali taż-żminijiet fl-istennija kollha tama tal-miġja ta' Kristu li jġedded il-ħolqien, nitolbu. R/.

2. Tħalliniex naqgħu fil-biża' quddiem is-sinjali ta' qerda li naraw fid-dinja u fin-natura, u imliena bil-kuraġġ biex nagħtu xhieda favur Kristu quddiem l-oppożizzjoni u l-persekuzzjoni, nitolbu. R/.

3. Iftaħ għajnejn il-mexxejja tal-ġnus u ta' dawk li jmexxu x-xjenza u t-teknika, biex jifhmu r-responsabiltà tagħhom li jibnu dinja aħjar u jevitaw l-użu tal-poter jew mezzi tagħhom għall-qerda tal-umanità, nitolbu. R/.

4. Kattar il-bżulija fil-ħaddiema, u għin lil min hu bla xogħol biex jingħatalu impieg deċenti, ħalli kulħadd jaħdem għall-ġid tal-familja tiegħu u tas-soċjetà, nitolbu. R/.

5. Imliena bit-tama fl-istennija ferħana tat-tieni miġja ta' Kristu, biex isibna nishru u nistennewh bil-fidi u l-perseveranza, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, bidu u tmiem ta' kollox, inti tiġbor l-umanità fit-tempju ħaj ta' Ibnek. Agħmel li permezz tal-ġrajjiet ferrieħa u ta' niket ta' din id-dinja inżommu qawwija t-tama tal-miġja tas-saltna tiegħek, u nibqgħu żguri li fis-sabar tagħna nistgħu nakkwistaw il-vera ħajja. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 9 ta' Novembru
## FESTA TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-BAŻILIKA TAL-LATERAN

*Ċel:* Il-festa tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika ta' San Giovanni in Laterano f'Ruma tfakkarna fl-għaqda tagħna mal-kattedra tal-Papa, Isqof ta' Ruma, li tinsab f'din il-knisja kattidrali, omm il-knejjes kollha tad-dinja. Nitolbu biex ngħixu f'din il-komunjoni ta' mħabba mas-suċċessur ta' Pietru u mal-fidi kattolika li nħaddnu:
R/. *Qaddes il-Knisja tiegħek, Mulej.*

1. Għall-Papa, biex bħala ragħaj tal-Knisja, jibni l-poplu qaddis ta' Alla fuq il-pedament sod li hu Kristu bix-xhieda tiegħu favur l-Evanġelju u l-impenn tiegħu favur l-għaqda fost dawk kollha li jemmnu fi Kristu, nitolbu. R/.

2. Għall-ħarsien tal-libertà ta' qima pubblika lil Alla u għad-dritt tal-insara li jesprimu fil-beraħ il-fidi tagħhom fir-rispett tad-diversità u tal-libertà ta' reliġjonijiet oħrajn, nitolbu. R/.

3. Għal min jirċievi s-sagramenti tal-Magħmudija, Konfermazzjoni u Ewkaristija li fuqhom tinbena l-ħajja Kristjana, biex jgħix bid-dinjità l-konsagrazzjoni tiegħu fil-Knisja u fix-xhieda favur Kristu, nitolbu. R/.

4. Għall-membri batuti, morda jew foqra tal-Knisja, biex iħossuhom ġebel ħaj fil-bini tat-tempju qaddis ta' Alla li hi l-komunità ta' dawk li jemmnu, nitolbu. R/.

5. Għalina miġburin għall-Ewkaristija, u għall-komunitajiet parrokkjali tad-djoċesi tagħna, biex nidhru aktar bħala l-poplu qaddis ta' Alla, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti tridna nitolbuk fit-tempju qaddis tiegħek biex tagħmel minna ġebel ħaj fil-bini tal-Knisja. Żommna ruħ waħda u qalb waħda fit-tagħlim tal-Appostli, fit-talb, fil-karità u fil-qsim tal-ħobż ewkaristiku, biex insiru tempju veru tal-glorja tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.